MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-21 ta' Lulju, 2004

Avviz Numru. 484/2003

**M. Demajo (Timbers) Limited (C750)**

**Vs**

**JGS Furniture Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex dik konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess socjeta attrici s-somma ta' erbat elef, hames mija, disgha u tletin Liri Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm4,539.85), rapprezentanti prezz ta' njam lill-konvenut mibjugh u kkonsenjat mis-socjeta' attrici fuq inkarigu tal-konvenut. Bl-ispejjez inkluzi dak ta' l-ittri legali datati hamsa (5) t'Awissu 2002, u tmintax (18) ta' Frar 2003, ta' l-ittra ufficjali datata hamsa (5) ta' Settembu 2003 tal-mandat ta' sekwestru prezentat mal-avviz u bl-imghax legali sal-jum tal-hlas effettiv kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi kif risultanti minn diversi verbali ta’ seduti (fol 8, 9 u 23 tal-istess atti) is-socjeta’ konvenuta wara li ddikjarat illi ser tikkontesta ‘in parte’ it-talba attrici u li ser tippresenta nota ta’ eccezzjonijiet bil-miktub, relattivament ghall-istess kontestazzjoni, ma ghamlet xejn minn dan u ghalhekk jidher li dak kollu dikjarat mill-istess socjeta’ konvenuta kien sar, biss, bi skop dilatorju u b’mod frivolu u vessatorju.

Illi, pero’ is-socjeta attrici ssostanzjat it-talba taghha permezz tax-xhieda ta’ Gateano Cordina (fol 10 et seq ibid) u tad-dokumenti esebiti minnu (fol 15 et seq ibid).
Ikkunsidrat

Illi, ghalhekk, it-talba attrici ghandha tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi, tilqa’ t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas lil dik attrici s-somma ta’ Lm4539.85,0 bl-imghax legali ‘a scalletta’ mill-25 ta’ April 2003, skond kif specifikat fid-dokument a fol 15 u fol 16 tal-atti sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittri legali tal-5 u tat-18 ta’ Frar 2003, ta’ dik ufficjali tal-5 ta’ Settembru 2003 u tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju tat-30 ta’ Settembru 2003.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------